MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 1129/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**V**

**MALCOLM BRIAN MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MALCOLM BRIAN MERCIECA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Stephen Balzan u Silvana nee Mercieca, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Mejju 1985 u residenti 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ricasoli, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 279285M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijie5t differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'xi zmien matul x-xhur qabel Gunju 2004, f'diversi postijiet f'Malta, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' apparat tal-HI FI minn hames vetturi tal-ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa, u li dan s-serq

sar ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-istess vetturi ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa.

Talli fis-sbatax ta’ Gunju 2004, ghal habta tas-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar, fil-Pieta, waqt li kien ma persuna ohra, dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat, u cioe dak ta’ serq aggravat, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt u cioe ta’serq minn vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni MEL 613 proprjeta ta’ Melinda Bonnici miz-Zurrieq liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu, liema delitt li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin kif wkoll bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-istess vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni MEL 613 ghad-dannu ta’ Melinda Bonnici miz-Zurrieq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta’ Ottubru 2006 esibit fl-atti bhala document CSH 2, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2006 meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ gudikatura kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 261(b)(g), 263, 271, 278, 281 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat MALCOLM BRIAN MERCIECA hati tal-akkuzi kollha kif minnu stess ammessi u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hmistax [15] il-xahar mill-lum.**

**Il-Qorti tordna lil imputat jhallas s-somma ta' mija w erbatax il-lira [LM114] lil Melinda Bonnici rappresentanti nofs il-hsara sofferti minnha u dan fi zmien sitt xhur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------